**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 103/2022 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**RG**
**Vs**
**MG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta` RG datat 22 ta' Frar 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) gewwa Knisja ta' Sant'Agatha, gewwa r-Rabat u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru wiehed tmienja wiehed sitta tas-sena elfejn u sittax (1816/2016) – Dok. RG1.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-ghoxrin ta' Jannar tas-sena elgejn u ghoxrin (20.01.2020) u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Elizabeth Sciriha LL.D, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkat, Dok RG2.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-elfejn u ghoxrin (2020), huma ilhom separati de facto kif jirrizulta mill-istess kuntratt*

*sa mill-elfejn u tmintax (2018) u ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.*

*Illi di piu' ma hemm l-ebda arretrati in linea ta' manteniment stante dekadenza emergenti mill-artikolu tlieta (3) tal-istess kuntratt.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret fis-seduta mhejjija nhar id-19 ta' Mejju 2020 izda ma ppresentat ebda risposta. Di piu' il-Qorti spjegatilha id-drittijiet legali taghha izda rrispondiet illi ma tehtiegx assistenza legali u li ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju (Vide fol 17);

Rat illi l-attur iddikjarat li ma kellux aktar provi x'jipproduci jew trattazzjoni x'jaghmel u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 17);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RG xehed** (vide affidavit fol 13) illi l-partijiet zzewgu nhar il-25 ta' Gunju 2016 u li minn dan iz-

zwieg ma kienx hemm tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt datat l-20 ta' Jannar 2020 u illi mid-data tas-separazzjoni 'l hawn huwa mar jahdem il-Macedonia u qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom. Di piu' ikkonferma ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**MG xehdet** (vide affidavit fol 20) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehdet l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Gunju 2016, liema zwieg jgib certifikat numru 1816/2016 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Elizabeth Scicluna nhar l-20 ta' Jannar 2020 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 4 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1816/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**